ċ-ċens tal-propjetà indikata u ċoè l-persuni intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens annwu u perpetwu indikat fl-istess ċedola ppreżentata fl-10 ta' Ġunju, 2026, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa:

Il-fond bl-isem Dar Dolor u bin-numru tmintax (18) fi Triq San Ġwann, Ir-Rabat, Għawdex, liberu u frank u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, liema proprjetà hija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta annessa mal-istess ċedola u markata Dokument A, u liema proprjetà hija suġġetta għall-ekwivalenti llum ta' sebgħa u erbgħin ċenteżmu tal-ewro (€0.47c) ċens annwu u perpetwu, u liema ċens irrikorrent irid jifdi ai termini tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, u liema ammont kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal disa' ewro u erbgħin ċenteżmu (€9.40c), li uniti ma' ħlas ta' żewġ ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€2.35c) ħlas ta' ħames snin arretrati ta' ċens jammontaw għal total ta' ħdax-il ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€11.75c), li qed jiġi depożitat biex kull min għandu jedd għalih jista' liberament jirtira wara li jħalli d-debita riċevuta.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Noel Bartolo, BA, MA (Fin. Serv.) LLD, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 26 ta' Ġunju, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

receive the ground rent of the property indicated and namely the persons entitled to receive the annual and perpetual groundrent indicated in the same schedule filed on the 10th of June, 2026, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section and in all other relative and subsequent acts.

The immovable property subject of this schedule of deposit is:

The tenement named Dar Dolor and numbered eighteen (18) in Triq San Ġwann, Victoria, Gozo, free and unencumbered and with all its rights and appurtenances, which property is delineated with the colour red on the plan attached to the same schedule and marked as document A, and which property is subject to the present equivalent of forty seven euro cents (€0.47c) annual and perpetual groundrent, and which groundrent the applicant has to redeem in terms of Article 1501 of the Civil Code, and which amount capitalised at the rate of 5% amounts to nine euro and forty cents (€9.40c), which united with the payment of two euro and thirty five cents (€2.35c) five years arrears of groundrent amount to a total of eleven euro and seventy five cents (€11.75c), which is being deposited so that anyone entitled to it can freely withdraw it upon tendering due receipt.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo), are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to enter as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that they so accept.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Doctor Noel Bartolo, BA, MA (Fin. Serv.) LLD, a Magistrate of the aforementioned Court.

This 26 June, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1734

B'digriet mogħti fit-30 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja) fuq Rikors numru 582/2026 ippreżentat minn Franco Preca (KI 0334368M) et, fejn fih ġie ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment sigriet ta' Concetta sive Connie Preca née Mallia (KI 0695641M), bint il-mejtin Giuseppe Mallia u Frances Mallia née Galea, imwielda l-Ħamrun, Malta, u mietet Ħal Luqa, Malta, fit-3 ta' Marzu, 2026, ta' 84 sena.

Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment se jsir nhar il-Ħamis, 30 ta' Lulju, 2026, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.), f'Awla numru 1, it-Tielet Sular, Palazzo Conte, 28, Triq San Federiku, Il-Belt Valletta, taħt il-ministeru tan-Nutar Dott. Charmaine Bonnici.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżidzzjoni Volontarja)

Illum 30 ta' Ġunju, 2026

ROSE MARIE BUTTIGIEG
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 30th June, 2026, by The Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on an Application number 582/2026 filed by Franco Preca (ID 0334368M) et, wherein it has been ordered the opening and publication of the secret will of Concetta sive Connie Preca (ID 0695641M), daughter of the late Giuseppe Mallia and the late Frances Mallia née Galea, born in Ħamrun, Malta, and died in Ħal Luqa, Malta, on the 3rd of March, 2026, aged 84 years.

The opening and publication are going to be held on Thursday, 30th July, 2026, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), Hall 1, 3rd Floor, 28, Palazzo Conte, Triq San Federiku, Valletta, under the ministry of Notary Dr Charmaine Bonnici.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today the 30th June, 2026

ROSE MARIE BUTTIGIEG
For The Registrar Civil Courts and Tribunals

1735

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-23 ta' Ġunju, 2026, fuq rikors tal-Perit Brian Curmi (KI 462191M) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 20 ta' Ottubru, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament bin-numru ħamsa (5) tal-kejl ta' ċirka mija u erbgħa u għoxrin metru kwadru (124m²) li qiegħed fit-tielet sular (2nd floor) li jifforma parti minn blokk mingħajr numru uffiċjali iżda magħruf bl-isem 'Expomax Blokk C' konfinanti mill-Grigal ma' Triq it-Torri, min-Nofsinhar u mix-Xlokk ma' beni tal-kumpanija J. Portelli Projects Limited jew l-aventi kawża tagħha, jew irjieħ verjuri u dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna datat il-ħamsa ta' Settembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (5.9.2024), stmat li jiswa tliet mitt elf ewro (€300,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' IAS Limited (C12202).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 41/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 30 ta' Ġunju, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 23rd June, 2026, on the application of Perit Brian Curmi (ID 462191M), Tuesday, 20th October, 2026, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held on Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Court of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment numbered five (5) measuring approximately one hundred and twenty four square meters (124m²) situated on the third floor (2nd floor) which forms part from a block unnumbered officially but named 'Expomax Block C' bounded on the northeast by Triq it-Torri, on the south and southeast by property of the company J. Portelli Projects Limited or its successors in title or other correct boundaries and this as described in the acts of Notary Anne Marie Tonna dated the fifth of September of the year two thousand and twenty four (5.9.2024), valued at three hundred thousand euro (€300,000).

The said tenement is the property of IAS Limited (C12202).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 41/2024.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 30th June, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1736

Billi b'digriet tat-30 ta' Ġunju, 2026, mogħti fuq ir-rikors numru 1557/2022 ta' Andrew Portelli (KI 503490M), Philippa Portelli (KI 73688M), George Portelli (KI 385589M) u Anna Portelli (KI 287359M), ippreżentat fil-5 ta' Ġunju, 2026, fejn fih ġie ordnat il-pubblikazzjoni tal-inventarju tal-assi tal-mejjet Emanuel Portelli (KI 708255M), żewġ Anna Portelli née Saliba, bin George Portelli u Filomena Portelli née Scerri, imwieled il-Belt Valletta, Malta, u miet l-Imsida, fit-12 ta' Marzu, 2022, ta' 66 sena.

Din il-pubblikazzjoni se ssir nhar nhar it-Tlieta, l-1 ta' Diċembru, 2026, fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar, (2.00 p.m.) fl-Uffiċċju 38, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żebbuġ, Malta, taħt il-ministeru tan-Nutar Marc Edward Dimech.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 30 ta' Ġunju 2026

ANTONIA DALLI
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 30th June, 2026, given on an application number 1557/2022 of Andrew Portelli (KI 503490M), Philippa Portelli (K.I. 73688M), George Portelli (KI 385589M), and Anna Portelli (K.I. 287359M) filed on the 5th June, 2026, wherein it was ordered the publication of the inventory of the estate of Emanuel Portelli (ID 708255M), married to Anna Portelli née Saliba, son of George Portelli and Filomena Portelli née Scerri, born in Valletta, Malta, and died at Msida, on the 12th of March, 2022, aged 66 years.

This publication is going to be held on Tuesday, 1st December, 2026, at two o'clock in the afternoon (2.00 p.m.) at 38, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żebbuġ, Malta, under the ministry of Notary Marc Edward Dimech.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today the 30th day of June, 2026

ANTONIA DALLI
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1737

ARB/C068/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-6 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Ann Marie Thake, LLD). Kumpilazzjoni Numru 484/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JUSTIN CHETCUTI, 33 sena, bin John Chetcuti u Josephine Chetcuti xebba Gauci, imwieled Tal-Pietà, Malta, fil-5 ta' Frar, 1993, u resident f'165, Zircon Suites, Mais 402, Triq Rużar Briffa, Il-Mosta, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 70093M.

U

JEAN PAUL SPITERI, 31 sena, bin George Spiteri u Maudy xebba Sammut, imwieled ir-Rumanija, fit18 ta' Lulju, 1994, u resident fi Scarlet Court, Flat 2, Triq Ta' Ċenċ, Ta' Sannat, Għawdex, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 56329M.

Il-Qorti ħarġet 'Ordni ta' Qbid u Ffriżar' u qiegħda tissekwestra f'idejn terzi b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lill JUSTIN CHETCUTI u lil JEAN PAUL

ARB/C068/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th June, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Ann Marie Thake, LLD). Compilation Number 484/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

JUSTIN CHETCUTI, 33 years, son of John Chetcuti and Josephine Chetcuti née Gauci, born in Tal-Pietà, Malta, on the 5th February, 1993, and residing at 165, Zircon Suites, Mais 402, Triq Ruzar Briffa, Mosta, Malta, and holder of Maltese identity card number 70093M.

AND

JEAN PAUL SPITERI, 31 years, son of George Spiteri and Maudy née Sammut, born in Romania on the 18th July, 1994, and residing at Scarlet Court, Flat 2, Triq Ta' Ċenċ, Ta' Sannat, Gozo, holder of Maltese identity card number 563294M

The Court has issued a "Seizure and Freezing order" and is seizing in the hands of third parties in general all monies and other movable or immovable property due to or pertaining or belonging to JUSTIN CHETCUTI and

SPITERI, jew li huma propjetà tagħhom, u tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan jew xort'oħra jiddisponu minn xi propjetà mobbli jew immobbli u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali , Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti awtorizzat lill-imputati JUSTIN CHETCUTI u lill JEAN PAUL SPITERI, jistgħu jibqgħu jirċievu s-somma ta' €13,976.00 (tlettax-il elf disa' mija sitta u sebgħin ewro) fis-sena.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u Artikolu 23A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 30 ta' Ġunju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

to JEAN PAUL SPITERI, and prohibits the accused from transferring, pledging or otherwise disposing of any movable or immovable property and this in terms of Article 22A of the dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court authorised the accused JUSTIN CHETCUTI and JEAN PAUL SPITERI, to receive the sum of €13,976.00 (thirteen thousand nine hundred and seventy-six euro) per year.

Any person who does anything in breach of the Court order referred to in Article 22A and Article 23A shall be guilty of an offence and, upon conviction, shall be liable to a fine (multa) of not more than eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a term of not more than twelve months, or to both such fine and imprisonment together.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 30th June, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1738

ARB/C095/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-4 ta' Mejju, 2026, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD). Kumpilazzjoni Numru 726/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Justine Grech
(l-Ispettur Tonjoe Farrugia)

Kontra

LOREDANA AGIUS, cleaner, ta' 29 sena, bint Claudio Agius u Catherine Agius xebba Viacava, imwielda f'Tal-Pietà, fl-24 ta' April, 1997, residenti f'60, Flat 3, Misraħ Indipendenza, Il-Belt Valletta, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 0166297M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil LOREDANA AGIUS sabiex tagħmel it-tali pagamenti:

a) Ħlas fl-ammot ta' sitt mija u żewġ ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€602.69) lil Bank of Valletta plc rappreżentanti

ARB/C095/2021 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 4th May, 2026, given by the Criminal Court (the Hon. Judge Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). Compilation Number 726/2021, in the case:

The Police
(Inspector Justine Grech)
(Inspector Tonjoe Farrugia)

Versus

LOREDANA AGIUS, cleaner, 29 years, daughter of Claudio Agius and Catherine Agius née Viacava, born in Tal-Pietà, on the 24th April, 1997, residing at 60, Flat 3, Misraħ Indipendenza, Valletta, and holder of a Maltese identity card bearing number 0166297M.

The Court AUTHORISES LOREDANA AGIUS to issue the following payments:

a) The sum of six hundred and two euro and sixty-nine cents (€602.69) to Bank of Valletta plc in relation to the

arretrati dovuti fir-rigward tal-kont tas-self indikat fir-rikors datat 4 ta' Mejju, 2026;

b) Ħlas fl-ammont ta' mija u dsatax-il ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€119.55) rappreżentanti s-somma dovuta mensilment fuq l-istess kont.

Dawn il-pagamenti għandhom isiru mill-kont bankarju intestat f'isem Loredana Agius hekk kif indikat fir-rikors datat 4 ta' Mejju, 2026.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Elaine Rizzo, LLD), fl-4 ta' Diċembru, 2025, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Diċembru, 2025, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' LOREDANA AGIUS.

Illum 30 ta' Ġunju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

b) The sum of one hundred and nineteen euros and fifty-five cents (€119.55) representative of the monthly payments on the same account.

Payments are to be made from the bank account in the name of Loredana Agius as indicated in the application dated 4th May, 2026.

This variation is being published in terms of Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Elaine Rizzo, LLD) on the 4th December, 2025, which was published in the Government Gazette on the 23rd of December, 2025, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to LOREDANA AGIUS.

Today 30th June, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1739

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2669/2026, fl-ismijiet Argus Insurance Company (Europe) Limited et vs Water Services Corporation, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 891 tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 8 ta' Ġunju, 2026

Lil Water Services Corporation, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, s-soċjetà Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC-1216) ta' Suite 5, Floor 1, Tower Business Centre, Triq it-Torri, Is-Swatar, Birkirkara BKR 4013, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Joseph Zammit (KI 202373M) ta' Goemm, Triq Diodorus Siculus, San Ġiljan, u l-istess Joseph Zammit, jirreferukom għall-inċident li seħħ fit-18 ta' Ġunju, 2024, fejn riżultat ta' imblukkar f'pajp tad-drenaġġ, dan spiċċa far u għerreq il-ħanut ta' Joseph Zammit u ċoè, Queen Elizabeth Pub II f'Tigné Seafront, Tigné, Tas-Sliema.

Illi dan l-inċident ikkawża danni konsiderevoli lill-imsemmi pub, liema danni tħallsu minn Argus Insurance

By means of a decree of the 16th June, 2026, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 2669/2026, in the names Argus Insurance Company (Europe) Limited vs Water Services Corporation, the following publication for the purpose of service was ordered in terms of Article 891 of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 8th June, 2026

To Water Services Corporation, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa

By the present Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC-1216) of Suite 5, Floor 1, Tower Business Centre, Triq it-Torri, Swatar, Birkirkara BKR 4013, as subrogated in the rights of its insured Joseph Zammit (ID 202373M) of Goemm, Triq Diodorus Siculus, St Julian's, and the same Joseph Zammit refers to the accident that occurred on the 18th June, 2024, where, as a result of a blockage in a drainage pipe, a flood occurred and flooded Joseph Zammit's shop that is Queen Elizabeth Pub II at Tigné Seafront, Tigné, Tas-Sliema.

This accident caused considerable damage to the mentioned pub, which damages were paid by Argus

Company Europe Limited ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni rispettiva fl-ammont ta' għaxart elef, seba' mija u erbgħin ewro u erba' u tletin ċenteżmu (€10,740.34) u Joseph Zammit ħallas ukoll mija u ħamsin ewro (€150) bħala excess. Oltre minn hekk, Argus inkorriet ukoll spejjeż relatati mal-konklużjoni ta' rapport fuq il-ħsarat fl-ammont ta' elf, mitejn u tlieta u erbgħin ewro u tletin ċenteżmu (€1,243.30).

Illi l-Water Services Corporation hija l-entità responsabbli għaż-żamma u l-manutenzjoni tal-pajpijiet tad-drenaġġ. Tant hu hekk li wara l-inċident de quo, kienet il-Water Services Corporation li wettqet ix-xogħlijiet neċessarji biex tneħħi l-imblukkar. Għalhekk, il-Water Services Corporation hija responsabbli sabiex tagħmel tajjeb għad-danni sofferti riżultat tal-imsemmi inċident.

Konsegwentement u permezz ta' din l-ittra, il-mittenti jinterpellawkom sabiex fi żmien mhux iżjed minn sebat (7) ijiem mid-data ta' din l-ittra, tersaq sabiex tħallas id-danni kollha sofferti fl-ammont totali ta' tnax-il elf, mija u tlieta u tletin ewro u erba' u sittin ċenteżmu. Fin-nuqqas li tagħmlu dan, kunu avżati li se jittieħdu proċeduri ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom, mingħajr preavviż ieħor.

Din l-ittra qed tintbgħat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u sservi sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni, u għalhekk hija rikjesta mill-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Tant biex tagħrfu timxu

Bl-ispejjeż u bl-imgħax

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum l-1 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Insurance Company Europe Limited according to the terms of the respective insurance policy in the amount of ten thousand, seven hundred and forty euro and thirty-four cents (€10,740.34), and Joseph Zammit also paid one hundred and fifty euro (€150) as excess. Furthermore, Argus also incurred expenses related to the conclusion of a report on the damages in the amount of one thousand, two hundred and forty-three euro and thirty cents (€1,243.30).

The Water Services Corporation is the entity responsible for the upkeep and maintenance of drainage pipes. So much so that after the accident in question, it was the Water Services Corporation that carried out the necessary works to remove the blockage. Therefore, the Water Services Corporation is responsible for compensating the damages suffered as a result of the mentioned accident.

Consequently, and through this letter, the interpellants call upon you to, within no more than seven (7) days from the date of this letter, proceed to pay all the damages suffered in the total amount of thirteen thousand, one hundred and thirty-four euro and sixty-four cents. Should you fail to do so, be advised that further legal proceedings will be taken against you in Court, without any further notice.

This letter is being sent for all purposes and effects of the law and serves to interrupt the prescription, and therefore is requested by law under the terms of Article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

So much so that you know how to proceed

With costs and interest

Registry of the Superior Courts, today 1st July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1740

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Ġunju, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Elton Joseph Caruana et vs Bernardette Licari et, Rikors numru 132/2026JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Michael Licari a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Elton-Joseph Caruana (KI 0137275M), Maria Carmela sive Miriam Caruana Abela (KI 167757M), Anna Maria Callus (KI 418858M) u Peter Paul Caruana (KI 383163M) vs Bernardette Licari, Paul Licari, Joseph Licari, Vincent Licari, Michael Licari (KI 1043546M), Ignatius Licari u Maria Concetta Licari preżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-14 ta' April, 2026, ir-rikorrenti

By means of a decree of the 22nd June, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Elton-Joseph Caruana et vs Bernardette Licari et, Application number 132/2026JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Michael Licari in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Elton-Joseph Caruana (ID 0137275M), Maria Carmela sive Miriam Caruana Abela (ID 167757M), Anna Maria Callus (ID 418858M) and Peter Paul Caruana (ID 383163M) vs Mary Grech (ID 0105261M) vs Bernardette Licari, Paul Licari, Joseph Licari, Vincent Licari, Michael Licari (ID 1043546M), Ignatius Licari and Maria Concetta Licari filed in the Rent Regulation Board,

Elton-Joseph Caruana (KI 0137275M), Maria Carmela sive Miriam Caruana Abela (KI 167757M), Anna Maria Callus (KI 418858M) u Peter Paul Caruana (KI 383163M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jgħaddi sabiex jiddeciedi u jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża b'applikazzjoni ta' artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Konsegwentement jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimati, ossija Bernardette Licari (KI 62642M), Paul Licari (KI 522453M), Joseph Licari (KI 152048M), Vincent Licari (KI 417849M), Michael Licari (KI 1043546M), Ignatius Licari (KI 241744M) u Maria Concetta Licari (KI 319058M) ma jistgħux jibqgħu jokkupaw il-fond kummerċjali, ossija l-funderija, numru 8 ġja 15, Paola Hill, Paola (il-fond kummerċjali) kif ukoll tal-arja ta' ċirka 129mk (l-arja) sovvrastanti l-istess fond kummerċjali, stante illi l-kirja ġiet terminata ex lege ġjaladarba ġiet reża nulla u bla effett minħabba li kienet saret ai termini tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69), liema lokazzjoni tivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u dan kif deċiż fis-sentenza deċiża fl-10 ta' Diċembru, 2025, fil-kawża rikors Kostituzzjonali numru 296/2023LM fl-ismijiet Elton-Joseph Caruana et vs l-Avukat tal-Istat et;

3. Jikkundanna u jordna lill-intimati jiżgumbraw mill-fond kummerċjali, ossija l-funderija numru 8 ġja 15, Paola Hill, Paola (il-Fond kummerċjali) fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom iffissat minn dan il-Bord u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li dan ir-rispettabbli Bord jidhirlu xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż dovuti mill-intimati

Rikorrenti: Elton-Joseph Caruana et, Evanies, 1, Triq il-Ġir, Il-Kalkara, Malta

Intimat: Michael Licari, 166, Crown Towers, Flt 9, Triq it-Torri, Marsaskala

Ir-rikors fl-ismijiet Elton-Joseph Caruana et vs Bernardette Licari et, Rikors numru 132/2026JG, jinsab differit għas-6 ta' Lulju, 2026, fil-11.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

on the 14th April, 2026, the applicants Elton-Joseph Caruana (ID 0137275M), Maria Carmela sive Miriam Caruana Abela (ID 167757M), Anna Maria Callus (ID 418858M) and Peter Paul Caruana (ID 383163M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Pass on to decide and grant the requests of the applicants without proceeding to trial in terms of Article 16A of Cap 69 of the Laws of Malta;

2. Consequently declare and decide that the respondents, that is Bernardette Licari (ID 62642M), Paul Licari (ID 522453M), Joseph Licari (ID 152048M), Vincent Licari (ID 417849M), Michael Licari (ID 1043546M), Ignatius Licari (ID 241744M) and Maria Concetta Licari (ID 319058M) cannot continue to occupy the commercial property, namely the foundry, number 8, preciously 15, Paola Hill, Paola (the commercial property) as well as the area of approximately 129 square meters (the area) above the same commercial property, given that the lease was terminated by law as it was null and void due to having been made under the terms of the Reletting of Urban Property Ordinance (Cap. 69), which lease violates the fundamental rights of the applicants, as decided in the judgment delivered on 10th December, 2025, in the Constitutional Appeal number 296/2023LM, in the names Elton Joseph Caruana et vs State Advocate et;

3. Condemn and order the respondents to evict from the commercial premises that is foundry number 8 previously 15, Paola Hill, Paola (the commercial premises) in a short and peremptory time given to them by this Board and under all those measures that this respectable Board deems deem and opportune.

With costs due from the respondents

Applicant: Elton-Joseph Caruana et, Evanies, 1, Triq il-Ġir, Kalkara, Malta

Respondent: Michael Licari, 166, Crown Towers, Flt 9, Triq it-Torri, Marsaskala

The application in the names Elton Joseph Caruana et vs Bernardette Licari et, Application number 132/2026JG, has been postponed for hearing to the 6th July, 2026, at 11.20 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 1st July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1741

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Mejju, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Joseph Ciappara et vs Roderick Falzon, Rikors numru 218/2025JG,

By means of a decree of the 6th May, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Joseph Ciappara et vs Roderick Falzon, Application

ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Roderick Falzon a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Joseph Ciappara (KI 195157M) u Maria Teresa (Marthese) Ciappara (KI 638260M) vs Roderick Falzon (KI 328877M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-4 ta' Lulju, 2025, fejn ir-rikorrenti Joseph Ciappara (KI 195157M) u Maria Teresa (Marthese) Ciappara (KI 638260M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jaqta' u jiddeċiedi t-talbiet tar-rikorrenti, bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża;

2. Tiddikjara li l-kirja tal-garaxx bin-numru N58, Naxxar Gardens, Triq il-Konti Manduca, In-Naxxar, ġiet ipso jure terminata ai termini tal-liġi u ai termini tal-kuntratt hawn surreferit;

3. Tordna u tawtorizzahom li jirriprendu l-pussess tal-imsemmi fond, u għal dan il-għan li tipprefiġġi terminu qasir u perentorju għall-iżgumbrament tal-intimat u tal-karozza tiegħu mill-istess garaxx.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali bl-ogħla rata applikabbli ai termini tal-Liġijiet ta' Malta, kontra l-intimat, li huwa minn issa inġunt biex jidher in subizzjoni.

Rikorrenti: 10 Caprice, Triq il-Ħawħ, In-Naxxar

Intimat: Alison 6, Flat 2, Triq l-Istampaturi, Santa Venera

Ir-rikors fl-ismijiet Joseph Ciappara et vs Roderick Falzon, Rikors numru 218/2025JG, jinsab differit għat-8 ta' Lulju, 2026, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application in the names Joseph Ciappara (ID 195157M) and Maria Teresa (Marthese) Ciappara (ID 638260M) vs Roderick Falzon (ID 328877M) filed in the Rent Regulation Board, on the 4th July, 2025, the applicants Joseph Ciappara (ID 195157M) and Maria Teresa (Marthese) Ciappara (ID 638260M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Decide the requests of the applicants, dispensing with the hearing of the case;

2. Declare that the lease of the garage with number N58, Naxxar Gardens, Triq il-Konti Manduca, Naxxar, has ipso jure ended according to the terms of the Law and in terms of the contract referred to herein;

3. Orders and authorize them to repossess the said property, and for this purpose, to set a short and peremptory period for the eviction of the respondent and his car from the same garage.

With costs and legal interest at the highest applicable rate under the Laws of Malta, against the respondent, who is hereby summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 10 Caprice, Triq il-Ħawħ, Naxxar

Respondent: Alison 6, Flat 2, Triq l-Istampaturi, Santa Venera

The application in the names Joseph Ciappara et vs Roderick Falzon, Application number 218/2025JG has been postponed for hearing to the 8th July, 2026, at 1.00 p.m.

Registry of the Superior Courts, today 1st July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1742

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Ġunju, 2026, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat numru 317/2026MS, fl-ismijiet FourVC Limited et vs Carmel Ellul et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimati.

Permezz ta' rikors ġuramentat fl-ismijiet: FourVC Limited (C101037) u A Brothers Dev elopments Limited (C109390) vs Carmel Ellul (KI 129060M) u Victoria Ellul

By a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 22nd June, 2026, in the Application number 317/2026MS, in the names FourVC Limited et vs Carmel Ellul et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondents.

By means of an application in the names: FourVC Limited (C101037) and A Brothers Developments Limited (C109390) vs Carmel Ellul (ID 129060M) and Victoria Ellul

(KI 0007361M), ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Marzu, 2026, FourVC Limited u A Brothers Developments Limited talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-intimati Carmel Ellull u Victoria Ellul huma obbligati li jbigħu u jittrasferixxu favur is-soċjetajiet rikorrenti 'id-dar bin-numru uffiċjali ħamsa u disgħin (95) u bl-isem 'Madonna ta' Pinu' inkluż l-arja u s-sottoswol tagħha u bil-garaxx anness magħha, sitwata fit-triq A. M. Valperga, Il-Fgura, libera u franka u bid-drittijiet, ġjustijiet u l-pertinenzi kollha tagħha u bil-pussess vojt u battal' u dan kif aħjar deskritt fil-konvenju datat il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar, 2025, kif preżentata u mwiegħda lilhom, bil-pattijiet u kundizzjonijiet miftiehma fl-istess konvenju u skont dak miftiehem bejn il-partijiet;

2. Tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' trasferiment u tinnomina lin-Nutar Dott. Andrew-James Navarro sabiex jippubblika l-att opportun ta' bejgħ tal-proprjetà fuq imsemmija;

3. Tiffissa jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-istess att ta' bejgħ;

4. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimati jew min minnhom f'każ tal-kontumaċju tagħhom fuq l-att pubbliku.

B'riżerva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjetajiet rikorrenti u bl-ispejjeż kollha, inkluż l-ittra uffiċjali bin-numru 1145/2026, kontra l-intimati li huma minn issa inġunti in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 317/2026MS, fl-ismijiet FourVC Limited et vs Carmel Ellul et huwa differit għas-6 ta' Lulju, 2026, fid-9 00 a.m.

Notifika: Carmel Ellul u Victoria Ellul, 95, Madonna ta' Pinu, Triq A. M. Valperga, Il-Fgura

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(ID 0007361M), filed in the Civil Court, First Hall, on the 30th March, 2026, the applicants FourVC Limited and A Brothers Developments Limited requested this Honourable Court so that:

1. Declares that the respondents Carmel Ellul and Victoria Ellul are obliged to sell and transfer in favour of the applicant companies 'the house with official number ninety-five (95) and with the name 'Madonna ta' Pinu' including its air and subsoil and with the garage attached thereto, situated on Triq A. M. Valperga, Fgura, free and unencumbered and with all its rights and appurtenances and with vacant and empty possession' and this as better described in the agreement dated the twenty-fifth (25th) of February, 2025, as presented and promised to them, with the terms and conditions agreed in the same agreement and in accordance with that agreed between the parties;

2. Orders the respondents to proceed with the publication of the final deed of transfer within a short and peremptory time and nominates Notary Dr Andrew-James Navarro to publish the appropriate deed of sale of the aforementioned property;

3. Fixes a day, time and place for the publication of the same deed of sale;

4. Nominates deputy curators to represent the respondents or any of them in the event of their default on the public deed.

With reservation to any further action due to the applicant companies and with all costs, including the official letter number 1145/2026, against the respondents who are summoned so that a reference to their oath be made.

The Sworn Application number 317/2026MS, in the names FourVC Limited et vs Carmel Ellul et is postponed to the 6th of July, 2026, at 9.00 a.m.

Notification: Carmel Ellul and Victoria Ellul, 95, Madonna ta' Pinu, Triq A. M. Valperga, Fgura

Registry of the Superior Courts, on this day, the 1st July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1743

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-13 ta' Marzu, 2026, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil El Said Ghonaim fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 652/2026 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-6 ta' Frar, 2026, tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil El Said Ghonaim (KI 0024489M) fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €807,281.58 rappreżentanti ammont dovut minnek, bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Doreen Clarke, LLD, Duttur tal-Liġi.

By means of a decree given by this Court on the 13th March, 2026, following a request by Commissioner for Tax and Customs it was ordered that deputy curators be chosen to represent El Said Ghonaim in the acts of the judicial letter number 652/2026 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 6th February, 2026, by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana against deputy curators nominated to represent El Said Ghonaim (ID 0024489M), the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998, so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €807,281.58 representing the amount due by you as Value Added Tax according to the same Act.

With costs and interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs, Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Doreen Clarke, LLD, Doctor of Laws.

Illum 13 ta' Marzu, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Today 13th March, 2026

Registry of the Superior Courts, today 1st July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1744

B'digriet tal-14 ta' Settembru, 2023, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' Mejju, 2026, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 13 ta' Ottubru, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-fond fil-pjan terran li jikkonsisti minn maisonette, b'aċċess dirett għal fuq il-bankina, bin-numru uffiċjali tmienja u tletin (38) ġja disgħa u għoxrin (29), fi Triq Farsons, Il-Ħamrun, inkluż il-bitħa ta' wara, sottosanti proprjetà ta' terzi, b'appoġġ ma' proprjetà adjaċenti ta' terzi wkoll, esklużl-arja però inkluż is-sottoswol. Il-maisonette jinsab fuq żewġ sulari, inkluż il-bitħa fil-pjan terran u b'bir li għalkemm il-kuntratt ta' akkwist tan-Nutar Ivan Barbara datat sittax ta' Lulju, elfejn u disgħa (16.7.2009) isemmi li dan il-fond għandu bir komuni mal-proprjetà adjaċenti, illum jinsab konvertit f'kantina li hija aċċessibbli minn dan il-fond permezz ta' taraġ garigor. Bi dritt ta' manutenzjoni ta' pajp tal-ilma li twaħħal minn terzi fil-bitħa ta' fond numru tmienja u tletin (38), liberu u frank u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Ivan Barbara tas-sittax ta' Lulju, elfejn u disgħa (16.7.2009) u stmat li jiswa mija u sebgħin elf ewro (€170,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Borg Brian (KI 10576M) u Borg Elena Catalina (KI 277812L qabel detentriċi tal-karta tal-identità numru 31482A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 27/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, l-1 ta' Lulju, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

